**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**
**MAGISTRAT**

**Rikors numru 201/2015**

**Fl-atti tal-ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Reuben Bonnici (K.I. 448471M) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà Automated Revenue Management Services Ltd. (C-46054)**

**vs**

**May (recte Mary) Yvonne Cassar**

**Illum, 27 ta' Frar 2019,**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors promotur li jghid hekk:

> "Illi dan ir-rikors qieghed isir a tenur tal-artikolu 466 subartiklu (2) li jipprovdi li
>
> 'Id-dikjarazzjoni imsemmija fis-subartikolu (1) ghandha tigi notifikata lid-debitur permezz ta' att gudizzjarju u ghandu ikollha l-istess effett daqs li kieku kienet gudikat tal-Qorti kompetenti, kemm il darba id-debitur, fi zmien ghoxrin jum min-notifika li issirlu ta' dik id-dikjarazzjoni, ma jopponix it-talba billi jipprezenta rikors li fih jitlob li l-Qorti tiddikjara t-talba bhala wahda infondata'
>
> Illi qabel xejn ghandu jigi precizat li hija giet notifikata bl-ittra ufficjali fuq imsemmija bhala May Yvonne Cassar meta fil-fatt isimha propju huwa Mary Yvonne Cassar.
>
> Illi effettivament l-esponenti permezz tal-prezenti qieghda topponi t-talba kontenuta fl-ittra ufficjali ipprezentata quddiem dina l-Qorti fit-18 ta' Gunju 2015 peress li l-ammont pretiz mhuwiex dovut u dana ghar-ragunijiet segwenti:
>
> 1. Fir-rigward tal-kont li jirreferi ghal fond 242, Triq il-Kbira Balzan, effettivament ma hemmx servizz tad-dawl u l-meter tal-ilma huwa maqlugh u ilu hekk maqlugh ghal zmien ad insaputa tal-esponenti. Ghalhekk l-ammont mitlub huwa wiehed fittizju u

immaginarju u ma jirrapprezentax l-ammont li seta' eventwalment ikun dovut mill-mittenti.

2. Fir-rigward kont reklamat fuq il-fond 28, Triq Nazzarenu, Mosta dan l-indirizz ma jezistix jew jekk jezisti mhuwiex proprjetà li ghandha x'taqsam maghha l-esponenti.

Illi irid jinghad u jigi precizat ukoll li l-esponenti, qatt qabel din l-ittra ufficjali ma irceviet kontijiet ghal liema dina l-ittra tirreferi.

Ghaldaqstant l-esponenti qieghda topponi t-talba ta' Reuben Bonnici fil-kwalità tieghu premessa u tiddikjara li t-talba kontenuta fl-ittra ufficjali datata 18 ta' Gunju 2015 hija wahda infondata."

Rat ir-risposta tas-socjetà rikorrenti intimata li tghid hekk:

"Illi t-talba kif kontenuta fir-rikors tal-intimata hija wahda infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontrieha u dan ghar-ragunijiet segwenti:

1. Ili l-intimata hija debitrici tal-mittenti fl-ammont ta' elfejn, tmien mija u tlieta u erbghin ewro u disgha u hamsin centezmu (€2,843.59), liema ammont huwa cert, likwidu u dovut u rapprezentanti bilanc dovut ghall-konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u tal-elettriku, spejjez administrattivi, connection u disconnection fees, flimkien ma' imghax dovut fuq l-ammont skond il-ligi relatat mal-kontijiet tas-servizzi utili bin-

numru 101000188283 ossia dwar il-fond bl-indirizz 242, Triq il-Kbira, Balzan, liema ammont jammonta ghal elfejn, tliet mija u tnejn u tmenin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€2,382.87) u in kwantu tas-servizzi utili bin-numru 101000003545 l-ammont ta' erba' mija u sittin ewro u tnejn u sebghin centezmu (€460.72) ossia il-fond bl-indirizz 28, Triq in-Nazzarenu, Mosta.

2. Illi a kuntrarju ta' dak dikjarat mill-intimat, il-meter tal-ilma u l-elettriku ghadu installat fil-fond 242, Triq il-Kbira, Balzan u dan kif se jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors.

3. Illi in kwantu ghall kont tas-servizzi utili bin-numru 101000003545 intestat f'isem l-intimata, jinghad illi dan huwa attiv u l-meter tad-dawl u l-ilma ghadu ukoll installat.

4. Illi l-ammont reklamat permezz tal-ittra ufficjali intavolata taht l-artiklu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghadu dovut fl-intier tieghu.

5. Illi l-intimata giet interpellata diversi drabi mill-mittenti sabiex thallas l-ammont dovut izda dan sar inutilment kif se jigi pruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors. Illi di più ma hemm l-ebda raguni valida ghal din l-inadempjenza u l-intimata qatt ma ikkontestat l-ammont dovut.

6. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-intimata inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 18 ta' Gunju 2015."

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet il-provi.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet fis-seduta tal-31 t'Ottubru 2018.

Rat in-nota tas-socjeta'rikorrenti intimata tat-08 ta' Novembru 2018.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Ikkunsidrat:

Illi din hija sentenza dwar il-kap tal-ispejjez, stante li l-mertu huwa ezawrit.

**Fatti**

1. Illi l-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

2. L-intimata rikorrenti irceviet zewg kontijiet minn ghand is-socjeta'rikorrenti intimata ARMS Ltd.

3. Hija ikkomunikat mal-ARMS Ltd u informat illi wiehed mill-kontijiet jirreferi ghall-proprjeta li mhix taghha u li fl-iehor lanqas hemm meter tad-dawl u tal-ilma.

4. ARMS Ltd ma ivverifikatx tali informazzjoni u kompliet bil-proceduri taht l-Artiklu 166A.

5. L-intimata rikorrenti ikkonestat it-talba.

6. Fil-mori tal-proceduri ARMS Ltd irriduciet sostanzjalment l-ammont mitlub minnha.

7. L-ammont mitlub bhala dovut, hekk kif gie ridott, ma kienx worth it li l-intimata rikorrenti tkompli tikkontesta t-talba b'hela ta' hin, rizorsi u finanzi li certament kienu se jezorbitaw l-imsemmi ammont.

**Provi**

Minn nota prezentata mill-ARMS Ltd a folio 53 sa 64 tal-process, u dan fuq talba tal-Qorti fis-seduta tal-31 t'Ottubru 2018, jirrizulta li meta saret l-ittra ufficcjali l-bilanc dovut fuq il-kont numru 101000003545 kien fl-ammont ta' €460.72, (ara folio 55 transazzjoni tal-20 ta' Ġunju 2015). Illi pero' mit-transazzjoni segwenti fis-17 t'Awwissu 2015 sar hlas fejn dan l-ammont thallas kollu u l-bilanc gie fi kreditu favur l-intimata rikorrenti fl-ammont ta' €21.46.

Illi fir-rigward tal-kont numru 101000188283 mill-istess nota jirrizulta li meta saret l-ittra ufficcjali l-bilanc dovut fuq il-kont numru 101000003545 kien fl-ammont ta' €710.12 (ara folio 60 transazzjoni tal-11 ta' Ġunju

2015), u mhux eluf ta' Ewro kif kienet it-talba originali kif jirrizulta wkoll mill-ewwel paragrafu tar-risposta tal-ARMS Ltd.

Illi ghalhekk fil-mument li ARMS Ltd. ghamlet it-talba taghha kif kontenuta fl-ittra ufficcjali, s-somma realment dovuta mill-intimata rikorrenti fuq iz-zewg kontijiet kienet biss ta' €21.46 + €710.12 = €731.58 u mhux l-ammont mitlub mill-ARMS Ltd li kien kwazi hames darbiet din is-somma.

**Kunsiderazzjonijiet tal-Bord**

Illi minn dan kollu u mill-atti jirrizulta car li dawn il-proceduri sehhew minhabba li s-socjeta' rikorrenti intimata agixxiet qabel ma ghamlet il-verifiki korretti dwar il-pretensjoni taghha.

Wara tali verifiki, l-ammont mitlub fir-rigward ta' kont wiehed tant kien negligibbli, li qatt ma kellu jwassal ghal dawn il-proceduri u fir-rigward tal-kont l-iehor kien imnaqqas sostanzjalment.

Huwa relevanti wkoll illi l-hlasijiet li saru mill-intimata pendenti dawn il-proceduri jkopru mhux biss l-ammont li kien tassew dovut mill-intimata rikorrenti meta l-ARMS Ltd agixxiet fuq il-pretensjoni taghha permezz tal-ittra ufficcjali taht l-Artiklu 166A lura fl-2015, izda jkopru ukoll l-ammonti dovuti sa l-ahhar t'Awwissu 2018.

Illi għalhekk meta l-ARMS Ltd fis-seduta tat-02 ta' Mejju 2018 iddikjarat li "l-ammonti pendenti li fadal miż-żewġ kontijiet mertu ta' din il-kawża huma fis-somma ta' 23.79 Ewro in kwantu għall-kont li jispiċċa 3545 u 26.01 Ewro fir-rigward tal-kont li jispiċċa 8283.", dawn il-bilanċi lanqas ma kienu mertu tal-kawża għaliex gew dovuti permezz ta' diversi transazzjoni bejn Gunju 2015 u Awwissu 2018.

Illi minkejja dan l-intimata rikorrenti qabdet u ħallset tali ammont għaliex dawn l-ammonti tant kienu negligibbli li ma kienx 'worth it' tkompli b'dawn il-proceduri.

Dan bl-ebda mod ma jammonta għal xi ammissjoni da parti tagħha tal-ammont originarjament mitlub li kien jammonta għal ħames darbiet l-ammont li kien tassew dovut.

Illi għalhekk, fid-dawl ta' dawn il-fatti u tal-provi in atti, l-argument tas-socjeta rikorrenti intimata li la darba l-intimata rikorrenti ħallset l-ammont ridott, hija kienet qed tirrikonoxxi t-talba li fuqha agixxiet l-istess socjeta', ma jistax iregi.

Din il-Qorti ma għandha l-ebda dubju illi, li kieku t-talba originali kienet f'dan l-ammont hekk ridott, ir-rikorrenti intimata kienet tħallas mingħajr ma l-każ ikollu jieħu l-procedura quddiem il-Qorti. L-intimata kkontestat il-pretensjonijiet tal-ARMS Ltd għaliex dawn ma kinux korretti.

Dan apparti li l-ħin, riżorsi u finanzi gia moħlija sa dak iż-żmien li l-ARMS Ltd iddeċidiet li tagħmel il-verifiki tagħha wara tant insistenza anke tul

dawn il-proceduri minn naha tal-intimata rikorrenti, kienu certament gia konsiderevoli.

Illi ghalhekk ma hemmx dubju li dawn il-proceduri sehhew unikament bhala rizultat tan-negligenza tas-socjeta' rikorrenti intimata li ma ghamlitx il-verifiki taghha qabel agixxiet bil-proceduri odjerni.

**Decide:**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tiddikjara illi l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom ikunu sofferti mis-socjeta' rikorrenti intimata ARMS Ltd. in toto.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur